**Laqgha Numru 09/K6/2012**

**Introduzzjoni**

Id-Disa' Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu skuzata. **(Ara Dok. A u B)**

Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-laqgha kienet b'kontinwazzjoni ma' laqgha numru 08/K6/2012 u l-unika item li kien ghad fadal pendenti kien dak dwar it-tenders, jigifieri parti miinn item 21.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' Frar 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2012.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K6/2012.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K6/2012.**

**05. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K6/2012.**

**06. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K6/2012.**

**07. Approvazzjoni tal-Minuti 05/K6/2012.**

**08. Punti li johorgu mill-Minuti 05/K6/2012.**

**09. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K6/2012.**

**10. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K6/2012.**

**11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**12. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**13. Mistoqsijiet.**

**14. Korrispondenza.**

**15. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

16. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
17. **Approvazzjoni tal-Qtr Financial Report Ottubru – Dicembru 2011.**
18. **Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarja ghas-sena 2012.**
19. **Approvazzjoni tal-Business Plan ghas-snin 2012-2014.**
20. **Hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati.**
21. **Decizjoni dwar Tenders 08 u 10/2011, kwotazzjonijiet 29, 30, 33, 35, 36, 38 sal-45/2011, 01/2012 u s-servizzi ta' Green Pak.**
22. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
23. **Materji ohra.**

## 21. Decizjoni dwar Tenders 08 u 10/2011, kwotazzjonijiet 29, 30, 33, 35, 36, 38 sal-45/2011, 01/2012 u s-servizzi ta' Green Pak.

21.01. Is-Sindku Joe Zammit fil-5.35pm talab li tigi sospiza l-laqgha biex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla biex jiddiskuti Tenders 08 u 10/2011.

21.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

21.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***21.04. Il-laqgha giet sospiza fil-5.35pm.***

***21.05. Il-laqgha tkompliet fis-6.00pm.***

21.06. B'riferenza ghall- **Tender 08/2011 - Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries**, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tigi accettata l-offerta ta' **Absolute Cleaners Ltd**. abbazi li skond il-MEAT l'aktar li gabu punti u li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza.

21.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

21.08. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

21.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

21.10. B'riferenza ghall-**Tender 10/2011 - Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens**, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tigi accettata l-offerta ta' **Absolute Cleaners Ltd**. abbazi li skond il-MEAT l'aktar li gabu punti u li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza. Apparti minn dan il-Bord innota wkoll l-esperjenza bejn Absolute Cleaners Ltd u Carmel Mifsud, fejn gie rrimarkat li t-tnejn ghandhom esperjenza differenti f'oqsma li huma differenti minn xulxin kif ukoll differenti mix-xoghol li jinvolvi t-tender tal-Kunsill l'izda fl-istess hin huma rilevanti hafna.

21.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Ghazla.

21.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

21.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

21.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntratti ezisenti Tender 04/2008 - Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & Open Areas within

Pembroke Boundaries u Tender 06/2008 - Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens, ser jiskadu fl-ahhar ta' Frar.

21.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li t-tenders ezistenti 04/2008 u 06/2008 ghandhom jigu mgedded sal-perjodu sakemm jintemm il-process ta' l-iffirmar tal-kuntratti l-godda, u dan kif stabbilit fil-ligi fejn jinghata zmien stipulat fejn ikun jsita' jsir appell u zmien biex ma jkun hemm ebda appell il-kuntrattur ikun jista' jissottometti l-Performance Bond. Il-kelliem qal li dan jibqa' fis-sehh sakemm ma jkunx hemm xi appell mill-kuntratturi l-ohra, fejn jekk dan isehh tiskatta l-procedura kif elendata fl-ahhar ittra li l-Kunsill rcieva minghand id-Dipartment ghall-Gvern Lokali fuq it-tender tal-Perit.

21.16. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

21.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

21.18. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.05pm, wara li nfurmhom li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu 2012 fil-5.30pm. Il-kelliem qal l'izda fil-jiem li gejja ser tissejjah laqgha b'urgenza dwar il-kaz tal-proposta tal-MEPA biex jigi emendat in-NHLP vis-a-vis il-proposta ghall-bini ta' Ambaxxata Ciniza fil-lokal.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |